MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Numru. 919/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Mark Rizzo ta' 46 sena iben Emanuel u Doris nee' Spiteri, residenti 33, Zabbar Road, Rahal il-Gdid, mwieled gewwa Londra fit-08 ta' Lulju 1965 u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 216383(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mark Rizzo li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar il-26 ta' Jannar 2008 f'dawn il-gzejjer u cioe' Korradino, Rahal Gdid b'diversi atti maghmula b'risoluzzjoni wahda bi ksur ta'l-artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

1. ikkometta serq ta' quick cash card mahruga mill-H.S.B.C f'isem Annalise Micallef ID 45177(M) u li matul l-

istess xahar ta’ Jannar cioe’ nhar is-26.01.2008 f’hinijiet differenti, ikkometta serq bl-istess quick cash card li jammonta ghal total ta’ €600 u dan billi ghamel uzu mill-istess quick cash card ghad-dannu ta’l-istess Annalise Micallef bi ksur ta’l-artikolu 261(c), 267 u 340(c) u (d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom u dana bi ksur ta’l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Uaktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ il-Quick cash card tal-HSBC u dana bi ksur ta’l-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri Quick cash card tal-HSBC u dana bi ksur ta’l-artikolu 184 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika,

ghamel qligh ta' 600euro ghad-dannu ta' Ananlise Micallef u dana bi ksur ta'l-artikolu 308 tal-Kpitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' Annalise Micallef u dana bi ksur ta'l-artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe' minn quick cash card mahruga minn awtorita pubblika (HSBC) u dana bi ksur ta'l-artikolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat l-kunens ta'l-Avukat Generali tal-24 ta' Settembru 2009 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tezamina l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat, il-Qorti f'dana il-kaz thoss illi ghandha qabel xejn tezamina il-provi migjuba quddiemha li huma ftit skarni minn kull dettall. Dana qed jinghad ghaliex essenzjalment il-provi akkwiziti f'dina l-kawza jikkonsistu fix-xhieda ta' tlieta minn nies u cioe' tal-Ufficjal Prosekutur, tad-derubata Annalise Micallef u ta' rapprezentant tal-bank Joseph Sammut. Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll video-recording tal-cameras li jinsabu vicin l-ATM tal-bank, kif ukoll stqarrija ta'l-imputat u okkorenza.

Illi d-derubata Annalise Micallef tixhed u tghid illi fil-jum tas-26 ta' Jannar 2008 hija marret tara loghba futbol gewwa il-grownd ta' Ta' Qali. Meta irritornat fil-parkegg

fejn kienet halliet il-vettura taghha, tghid illi indunat illi xi persuna kienet serqet xi oggetti mill-vettura taghha, fosthom il-Quick cash card taghha. Ghalhekk hija ghamlet rapport il-pulizija minn fejn irrizulta illi persuna mhux maghrufa kienet gibbdet l-ammont ta' €600 mill-ATM tal-bank gewwa Corradino.[1] Suspett ma kellha f'hadd u ghalkemm mill-okkorenza tal-pulizija esbita bhala Dokument NG3, jidher illi hija kienet giet avzata sabiex tiehu il-vettura taghha gewwa il-Kwartieri Generali tal-pulizija sabiex jigu elevati xi impronti digitali u palmari, madanakollu dina l-prova mill-atti ma tirrizultax.

Illi l-*footage* tal-camera li tghassess l-ATM tal-bank gewwa Corradino gie esebit mill-Ufficjal Prosekutur flimkien ma' xi *stills* li inharrgu mill-istess filmat. Illi ghalkemm Joe Sammut li xehed in rappresentanza tal-bank jikkonferma illi id-Dokument NG1 huwa fil-fatt *video* li jikkontjeni il-filmat in kwistjoni madanakollu il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud li jista' jikkonferma illi l-*istills* esebiti bhala Dokument NG2 a fol.30 tal-process gew mehuda minn dana l-filmat. Il-persuna li ghamlet l-*istills* in kwistjoni qatt ma ingiebet sabiex tikkonferma l-istess.

Illi Joe Sammut in rappresentanza tal-bank jikkonferma imbaghad illi l-ammont ta' €600 fil-fatt ingibdu mill-ATM ta' Corradino, l-ammonti kif ingibdu u l-hinijiet meta ingibdu dawn il-flus mill-malvivent.

Dawn huma essenzjalment il-provi li ghandha quddiemha il-Qorti. Illi dwar l-akkuza tas-serq ghalhekk ma hemm l-ebda prova li torbot is-serqa ta'l-oggetti mill-vettura tad-derubata ma' l-imputat. L-ebda prova ma saret ta' l-impronti digitali li setghu instabu fuq il-vettura ta' Micallef. Ma jidhirx lanqas li kien hemm xi xhud okulari li seta' ra s-serqa isehh. Il-vittma ma kellha suspett fl-ebda persuna. L-imputat la jixhed f'dina l-kawza u fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija huwa ma jammetti l-ebda htija u ma jwegibx ghall-uhud mill-mistoqsijiet li isirulu. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

[1] Ara xhieda ta' Annalise Micallef a fol.39 et. Seq.

Illi il-Prosekuzzjoni tallega illi kien l-imputat li gibed il-flus mill-bank fil-jum indikat fl-akkuza. Illi l-unika prova li l-Prosekuzzjoni tressaq in sostenn ta’ dan huwa il-filmat tal-camera li hemm hdejn l-ATM tal-bank. Illi l-Qorti fliet bir-reqqa dana il-filmat izda ma irnexxiliex tara l-imagini li jidhru fih u dana peress illi l-*ispeed* tal-filmat, li huwa *video recording*, huwa mghaggel u ingibed mill-apparat li kellu il-bank li ma jaqbilx ma’l-apparat li dina l-Qorti kellha a disposizzjoni taghha sabiex tara dana il-*footage*. Il-Qorti ghalhekk ma kenitx f’posizzjoni tikkonferma illi l-istills *esebiti* fl-atti a fol.30 huma fil-fatt l-istess imagini li jidhru fuq il-filmat u dana fin-nuqqas ta’ xhud jew espert li seta jikkonferma dan.

Illi ghalhekk l-uniku prova li jifdlilha dina l-Qorti quddiemha huwa ritratt jew imagini ta’ bniedem tas-sess maskili li jidher qed jigbed flus minn ATM. Illi ghalkemm il-bniedem li jidher fir-ritratt jixbah hafna lill-imputat, madanakollu dina l-Qorti ma tistax fl-ewwel lok tikkonkludi mija fil-mija illi fil-fatt dana huwa l-istess persuna u anke jekk ghal grazzja ta’l-argument tasal ghal tali konkluzjoni, xorta wahda ma hemmx il-prova illi l-imputat kien qed jigbed il-flus proprju mill-ATM in kwistjoni stante illi hija nieqsa l-prova li taghmel ness bejn il-filmat esbebit u l-*istills* fejn jidher l-imputat.

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f’dina s-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, izda dawn ta’l-ahhar iridu jkunu univoki, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f’mohh min irid jiggudika lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita’ ta’l-imputat.

Illi ghalkemm ghalhekk il-Qorti tista’ tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f’dina is-serqa, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti lli certament ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta’ htija fuq l-ebda wahda mill-akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Ghaldaqstant abbazi ta’ dawn ir-risultanzi processwali, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------